

minn Dun Salv Vella, Rettur

# Kappella tal-Madonna Addolorata f'Farsons Street



Fost il-knejjes li għandna fil-Ħamrun hemm il-kappella ta' Marija Addolorata jew kif inhi magħrufa aħjar l-kappella tad-Duluri. Minn oratorju f'żewġ imħażen f'*Farsons Street* il-Ħamrun din l-attività pastorali kibret f'kappella ħelwa li qed taqdi l-ħtiġijiet tal-kommunità ta' dawn l-inħawi. Is-sena l-oħra din il-kappella għalqet għoxrin sena mit-twaqqif tagħha.

Il-kappella tad-Duluri ġo *Farsons Street* bdiet il-ħajja tagħha bħala oratorju li nfetaħ fl-20 ta' Jannar 1951 minn membri tal-*Legion of Mary*, fosthom is-Sur Karm Zammit Gera li għal żmien twil baqa' jieħu ħsiebu u sa ftit snin qabel ma miet ma waqafx jagħti l-għajnuna tiegħu. L-ewwel direttur spiritwali ta' l-oratorju kien Dun Ġużepp Saliba. L-iskop prinċipali tiegħu kien li tiġi mgħallma d-duttrina lit-tfal ta' l-inħawi.

Oriġinarjament, l-Oratorju kien maħżen u ngħata għat-tagħlim tad-duttrina mis-sinjuri Farrugia tad-ditta Farsons.

Wara tibdiliet u dekorazzjonijiet li saru fih, l-oratorju ddedikat lill-Madonna tad-Duluri ħa aktar sura ta' kappella li b'attivitajiet spiritwali u xi quddiesa kull tant, bil-mod il-mod, bdiet taqdi l-bżonnijiet spiritwali tal-parruċċani ta' l-inħawi. Wara żmien, bdiet issir quddiesa regolarment.

Fl-1969, l-Arċisqof Gonzi ħatar lis-saċerdot Dun Salv Vella, li kien ilu erba' snin saċerdot, bħala l-ewwel rettur tal-kappella li issa bdiet tagħti servizz organizzat.

Fl-1971, waqt il-viżta pastorali fil-Ħamrun l-Arċiqof Gonzi, wara li żar il-


ROAMER
DENCE

kappella tad-Duluri, wera x-xewqa tiegħu li tinbena knisja ġdida fil-qrib li, waqt li tibda taqdi lin-nies ta' qabel, tkun tista' tilħaq ukoll l-abitanti ġodda tal-*flats* li l-Gvern kien għadu kif bena. Ghalhekk, inkariga lil Dun Salv biex jieħu ħsieb jirrapporta fuq il-possibbilità li tinxtara l-biċċa art mhux mibnija li kien fadal quddiem l-iskola sekondarja ta' Marija Assunta.

Sadanittant, il-Kurja ta' l-Arċisqof bagħtet il-perit tagħha fuq il-post biex jistħarreġ l-utilità tal-proġett fid-dawl ta' l-iżvilupp tal-parti l-ġdida li kienet inbniet fil-limiti msejħa ta' Rabbat. Wara li l-perit għamel ir-rapport tiegħu, f'Marzu ta' l-1972, l-Arċidjoċesi xtrat l-art u xahrejn wara, il-Kappillan Dun Mattew Chircop għamel rikors lill-Kurja biex tinbena knisja fuq l-art li kienet inxtrat.

Ix-xogħol tal-bini ġie afdat f'idejn il-Perit Richard Aquilina B. Arch. A. & C.E. li mill-ewwel beda jistudja x'kellu jsir u wara ftit għamel l-ewwel *sketch* tal-pjanta. Din ġiet esebita l-ewwel darba fit-22 ta' Diċembru 1973 meta filgħaxija saret quddiesa fil-beraħ fl-għalqa fejn kellu jibda x-xogħol. It-trasport tal-ħamrija beda disat ijiem wara, fil-31 ta' Diċembru, u spiċċa fit-12 ta' Jannar 1974. Imbagħad, beda t-tqattigħ tal-blat li ntemm f'April ta' l-istess sena. Il-permess tal-bini ħareġ fit-23 ta' April 1974 u wara l-approvazzjoni mill-awtoritajiet tal-Knisja tal-pjanta u tar-rapport tal-Perit Aquilina fuq il-proġett, beda x-xogħol tal-bini mill-kuntrattur F.X. Farrugia minn Ħaż-Żebbuġ. Sa April ta' l-1975 kienu tqiegħdu l-pedamenti tal-konkors tad-dawra tal-knisja, u telgħet sala spazjuża biex tibda tintuża bħala knisja.

F'Awissu ta' l-1975, il-bini kien mexa ġmielu iżda, ftit wara, il-kuntrattur kellu jinbidel.

Bl-għajnuna u l-pariri ta' Dun Ġużepp Frendo li ġie nkarigat mill-Kappillan Dun Mattew Chircop biex jara x'seta' jsir, mill-1976 sa l-1978, ix-xogħol tal-bini tkompla b'mod intermittenti minn diversi bennejja u kuntratturi żgħar. Iżda, wara dan, kien hemm perjodu ta' waqfien li fih saret xi ħsara lill-bini minn persuni vandali.

Fis-sajf ta' l-1980, il-Kappillan il-ġdid, Dun Ġużepp Pace wera t-tħassib tiegħu u offra kull għajnuna li l-parroċċa setgħet toffri. B'determinazzjoni, hu daħal responsabbli biex is-sitwazzjoni tirranġa ruħha. Ġew imqabbda *Vassallo Builders* tal-Mosta biex (wara t-tindif tal-post minn parruċċani voluntieri) jieħu ħsieb li jkomplu x-xogħol u jiffinalizzaw il-bini ta' l-ewwel parti tal-proġett. *Vassallo Builders* temmew ix-xogħol f'Awissu ta' din is-sena (1982).

Wara dan, ix-xogħol ta' l-istallazzjoni tad-dawl u d-dekorazzjoni saru minn voluntieri li jiffrekwentaw il-kappella. Ta' min ifaħħar il-ħidma determinata ta' dawn l-irġiel u ġuvintur magħmula bi spirtu ta' dedikazzjoni u anke sagrifiċċju.

Il-Madonna tad-Duluri żgur li tbierek u tgħin lil dawn u lill-benefatturi kollha ħajjin u mejtin ta' dan il-proġett li nittamaw għad jagħti ħafna frott spiritwali.